MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2007

Numru 28/2007

Il-Pulizija
(Sp Paul Bond)
vs
Jonathan Stewart, iben Stephen, imwieled Pieta' fid-9 ta' marzu, 1985

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli fl-10 ta' jannar, 2007 għal ħabta ta' bejn il-5.00 p.m. u is-7.00 p.m., waqt li kien ġewwa t-'Topaz Hotel', Triq Ċensu Tanti, San Pawl il-Baħar daħal fil-kmamar bin-numri T306 u 4489 u minn ġewwa l-istess kmamar seraq żewġ 'portable DVD players', kif ukoll 'mobile phone' tal-marka 'Motorola' li l-valur tagħhom jeċċedi l-Lm100 iżda anqas minn Lm1,000 liema serq hu aggravate bil-mezz, bil-valur, bil-persuna u

bil-ħin għad-dannu ta’ Vincent matthews u Trevor Howard Wilde, persuni ta’ ċittadinanza ngliza.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta’ jannar, 2007 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(b)(ċ)(d)(f), 263, 267, 268(a), 270 u 278(1)(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali. Rat l-ammissjoni bikrija u li l-oġġetti ġew ritornati. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------